# 11 L-GLORJA TA' PADRE PIO

Fit-22 ta' Settembru tas-sena 1968 Padre Pio ccelebra l-ahhar quddiesa tieghu. L-ghada fis-2.30a.m. huwa miet fil-kunvent kif dejjem xtaq fl-eta' ta' 81 sena wara li rcieva l-ahhar riti tal-Knisja u lissen l-ismijiet helwin ta' Gesu' u Marija. Ftit qabel ma ruhu harget minn go gismu huwa heggeg lill-patrijiet hutu prezenti biex jitolbu r-Ruzarju u jghidu lil haddiehor jitolb wkoll din it-talba marjana.



Ghall-funeral tieghu attendew aktar minn 100,000 ruh. Sar fis-26 ta' Settembru. L-ghada hafna pellegrini bdew pellegrinaggi fuq qabru li ghadhom sejrin minghajr interruzzjoni sal-lum.

Sena wara mewtu bdew xi passi mhux ufficjali biex jinfetah il-process ghall-kanonizazzjoni ta' Padre Pio. Il-process ufficjali pero' infetah f'Marzu 20, 1983. F'Dicembru 18 tas-



sena 1997 is-Santa Sede harget digriet li bis-sahha tieghu gharfet il-virutjiet eroici u ddikjaratu Venerabbli. F'Mejju 2, tas-sena 1999 gie ddikjarat Beatu u fit-23 ta' Settembru giet stabbilita d-data tal-festa tieghu. F'Gunju 16, tas-sena 2002 giet iddikjarat qaddis bhala San Pio ta' Pietrelcina. F'Ruma, madwar 300,000 ruh attendew ic-ceremonja tal-kanonizzazzjoni tieghu (ic-ceremonja ta' meta jkun dikjarat qaddis). Ta' min jghid ukoll li ghall-beatifikazzjoni tieghu kienu attendew madwar 250,000 u fiz-zewg okazzjonijiet il-folla ma wesghetx il-pjazza ta' San Pietru.

Fis-sena 2008 meta nfetah qabru nstab li gismu ma kkorrompiex ruhu. L-esperti responsabbli mill-ftuh tal-qabar jixdhu li kull meta ssir operazzjoni bhal dik dejjem tohrog riha skomoda generata mid-dekomposizzjoni tal-gisem uman. Imma fil-kaz ta' Padre Pio ma kien hemm ebda riha.

Bosta kienu dawk li kellhom reverenza u ammirazzjoni lejn il-qdusija ta' Padre Pio waqt hajtu. Huwa kien jghix il-hajja tal-fidi. F'Alla kien iqieghed it-tamiet kollha tieghu mhux

biss bil-kliem, izda wkoll bl-ezempju. Il-principju li kien imexxih kien l-imhabba lejn Alla u li jhabrek li Alla jkun mahbub minn haddiehor. Kien jittrata lil kulhadd bil-gustizzja jigifieri skont il-grad taghhom u l-posizzjoni taghhom fis-socjeta'. Kellu spirtu ta' mortifikazzjoni u mhabba lejn is-salib. Tiddi fih, kienet il-virtu' ta' l-umilta' meta kien jippreferi li jahbi l-istagmati meta dawn saru vizibbli. Kien ubbidjenti lejn kull kmand tas-superjuri tieghu u jhares il-virtu' tal-faqar b'mod l-aktar rigors. Kien ezempju haj tal-virtu tal-kastita'.

Bosta nies jattribwixxu mirakli ta' fejqan u grazzji maqlghuha lill-Qaddis Pio minn Pietrelcina. Huma wkoll numeruzi l-fejqan tar-ruh, meta bosta persuni sabu l-farag taghhom u l-paci tal-qalb bis-sahha ta' Padre Pio li ghenhom jersqu lejn il-veru Dawl.

Ghadu sal-gurnata tal-lum ismu jidwi mad-dinja kollha.

TALBA MIKTUBA MINN SAN PIJU TA' PIETRELCINA

Talba ta' Rassenjazzjoni - Padre Pio

O Ġesu' tiegħi
tajjar minn moħħi u minn qalbi
kull inkwiet fuq l-imgħoddi,
kull tħassib fuq il-preżent,
u kull biża' fuq li ġej,
ħalli nkun nista' nixtieq,
dejjem u f'kollox,

ħaġa waħda biss:
li mmur kontra tiegħi nnifsi
għall-imħabba tiegħek.
Nerħi, għalhekk, O Mulej,
il-passat ikrah tiegħi
għall-ħniena kbira tiegħek;
il-preżent imħawwad tiegħi
għall-imħabba infinita tiegħek;
il-futur misterjuż tiegħi
għall-providenza qaddisa tiegħek.



Ammen.

## 12 MIRAKLI TA' PADRE PIO



Matul it-tieni gwerra dinjija, iben is-Sinjura Luisa kien ufficjal fin-Navy Ingliza. Kienet tahseb f'binha kuljum fit-talb biex jikkonverti u jsalva ruhu. Jum wiehed pellegrin ingliz wasal gewwa San Giovanni Rotondo, jgorr mieghu xi gazzetti inglizi. Luisa riedet taqrahom. Sabet ahbar li l-vapur tal-gwerra li fuqu kien iservi binha kien ghereq. Marret tigri ghand Padre Pio li farragha u qalilha: " Inti, min qallek li ibnek huwa mejjet?" Infatti Padre Pio kien kapaci jispjegalha precizament isem u l-indirizz tal-lukanda fejn binha, iz-zaghzugh ufficjal kien qed joqghod wara li heles mill-gharqa fl-Atlantiku. Kien hemm jistenna li jigi assenjat xi mkien

iehor.  Immedjatament Luisa, ommu kitbitlu ittra u wara xi gimghatejn irceviet risposta minn binha.



Is-sinjura Cleonice kienet wahda mill-persuni spiritwali li kellu Padre Pio. Lill-persuni bhal dawn li minnhom, kellu hafna, kien imexxihom fit-triq tal-qdusija. Hija tghid li matul it-tieni gwerra dinjija, neputiha safa' prugunier ta' l-ghadu. Konna ilna ma niehdu ahbaru ghal kwazi sena shiha. Kulhadd kien jemmen li safa' maqtul. Il-genituri tieghu kienu mhassba ghal ahhar fuq hajtu. Ommu, gurnata wahda marret ghand Padre Pio li dak il-hin kien fil-konfessjonarju, nizlet gharkubtjeha u staqsietu: " Ghidli jekk joghgbok, ibni hux haj. U ma nitlaqx minn quddiemek jekk ma tghidlix." Padre Pio kellu moghdrija lejha u anke xi demghat nizlu ma' wiccu meta qalilha biex tqum u tmur fil-paci. Xi jiem wara ma stajtx ma nahsibx fuq id-duluri li kienu ghaddejja minnhom l-genituri tieghu u ghalhekk iddecidejt li nitlob lil Padre Pio ghall- miraklu. Fedelment ghidtlu: "Padre jiena ser nikteb ittra lin-neputi tieghi Giovanninu. Fuq l-envelops ser nikteb biss ismu ghaliex ahna ma nafux fejn qieghed. Inti u l-anglu kustudju tieghek hudulu l-ittra  fejn qieghed." Padre Pio ma wegibx u allura ktibt l-ittra.  Filghaxija poggejtha fuq il-komodina qabel ma dhalt fis-sodda. L-ghada filghodu, b'sorpriza kbira ma sibthiex hemm. Qabadni biza' kbir. Mort nirringrazzja lill-Padre Pio. Huwa qalli: " Irringrazzja lis-Sinjura taghna."

Kwazi hmistax il-jum wara n-neputi taghha wegibna. Kulhadd ferah fil-familja u tajna radd il-hajr lil Alla u lill-Padre Pio.

IR-RAGEL LI LTAQA' MA' PADRE PIO WARA MEWTU.



Anthony Fuina ta' Long Island huwa miraklu haj ta' Padre Pio. Huwa jaghraf il-fejqan tieghu mill-cancer fis-sena 1997 lil intercessjoni ta' Padre Pio.

Meta t-tobba sabu li kellu tumur f'imsarnu huma nehhewlu nofsu u infurmawh li fi ftit tal-jiem ohra jaghtuh ir-rizultat fuq in-nofs l-iehor. It-telefon daqq imma ma kienx it-tabib. Kien l-agent tal-propjeta' li talbu biex igiblu c-cwievet minhabba xi klienti. Jiftakar u jirrakonta: "Kienet gurnata ta' xita. Kif appena kont qed noqrob lejn it-*traffic lights* rajt figura xxejjirli minn distanza. Dan ir-ragel avvicina l-karrozza u talabni: "Jekk jghogbok wassalni sa Jeruslem Road u Hicksville Road." Huwa qalli li kien ilu l-jum kollu jistenna biex isib *lift*. Jiena m'hiex imdorri li naghti *lifts* imma hassejt li lil dan ir-ragel kelli naqdik u stedint lil dan ir-ragel bil-baffi u liebes uniformi bajda ta' furnar biex jidhol. U malli ghamel hekk hassejt bhar-rabta ma' dan ir-ragel li ma kontx naf naghti tifsira taghha.

Fil-karrozza waqt il-vjagg huwa qalli li jiena ragel ta' qalb tajba li poggejt fil-gemb l-appuntament tieghi biex nghinu. Huwa wkoll qalli li jaf li jiena nkwetat fuq il-marda li ghandi. Jiena bqajt mistghageb kif kellu hjiel ta' dan kollu u jiena ma

nafux. Ghidtlu b'dak li ghaddejet minnu daqs ftit gimghat qabel u li qed nistenna xi rizultati. Li nista' nghid li fil-kumpannija ta' dan ir-ragel hassejtni fil-paci u kalm. Huwa talabni jekk jistax ipoggi idu fuq fejn kelli l-kancer u talab ghalija. U t-talb tieghu kienet f'lingwa barranija. Dak il-hin hassejt bhal qawwa specjali tigri ma' gismi kollu. Huwa qalli: " Inti mfejjaq. Inti mimli bl-Ispirtu Qaddis."

U jiena staqsejtu: "Inti min inti?" Huwa qalli li kien Qaddej ta' Alla. Bqajt miblugh u minghajr kliem. Meta wassaltu fid-destinazzjonu tieghu rega' qalli li jiena kont imfejjaq u li jiena kelli mmur ghall-laqghat tal-fejqan meta nkun nista' biex nitlob ghal dawk fil-bzonn. Hekk kif kien hiereg mill-karrozza jiena rringrazzjajtu talli talab ghalija u wissejtu biex joqghod attent kif jaqsam it-triq. Mar fuq in-naha l-ohra tat-triq u xejjirli addio. It-*traffic lights* qalbu u jiena ttentajt naghti l-ahhar titwila lejn dan ir-ragel ta' l-ghageb imma kif harist gheb. Fejn seta' mar dan ir-ragel li jiena tant hassejtni parti minnu?

Mort lura d-dar u bqajt impressjonat b'dak li grali. Ma stajtx nistenna li nirrakonta kollox lil marti Barbara u lill-familja.

Ir-rapport wasal u Dr. Ferrara qalli li t-tumur kien negattiv, madankollu kellu jnehhihuli. Qbizt bil-ferh. Bil-lejl hassejt bhall-gbid fil-post fejn kellhom jaghmluli l-operazzjoni. Marti staqsietni x'gara u jiena ghidtilha li kont qed inhoss bhal xi hadd qed inehhili l-fdal tat-tumur.

Waqt l-operazzjoni t-tabib ma sabx xejn xi jnehhi. It-tabib baqa' ixxukjat, imma Anthony kien jaf li fieq bl-intercessjoni ta' Padre Pio, ghalkemm sa issa kien ghad ma jafx min kienet dik il-persuna li lilha taha rikba fil-karrozza tieghu. Baqa' jmur ghal-ezammi mediku regolari. Fis-sena 2000, il-kancer rega' tfacca. Tlabt lil Alla biex jaghtini s-sahha minhabba binti li kienet ser tizzewweg il-gimgha ta' wara. Din id-darba il-kancer kien riskjuz.

It-tifla tieghi Stacey giet id-dar u tatni kartolini ta' ragel. Harist lejn ir-ragel u bqajt miblugh. Staqsejtha minn fejn kienet gabet din il-kartolina. " Ghidli," tlabtha," Huwa hu, dak li fejjaqni. Dan huwa r-ragel li jiena tajt rikba, berikni u talab fuqi u qalli li jiena kont infejjaq, tlett snin ilu." U t-tifla wegbitni: "Pa, ma jistax ikun ghax dan ir-ragel huwa mejjet."

Ma ridtx nemmen. "Dan huwa r-ragel li kien bil-qieghda hdejja." Hija kienet marret il-knisja u l-hbieb taghna il-Palazzo tawha din il-kartolina ta' Padre Pio. Il-familja Palazzo qalulha biex jiena nzomm din il-kartolina. It-tnejn kbejna u qaltli li kellha issib aktar taghrif fuq dan il-patri. Fl-ahhar sibt il-habib tieghi li jiena gbart tlett snin ilu. Iva! Kien Padre Pio. Gheni dak in-nhar u ser jerga' jghinni issa. Padre Pio qieghed hdejja.

Bdejt nitlob lil dan il-patri qaddis u flimkien mat-talb ta' nies ohra, iffacjajt it-trattament kontra l-kancer b'kuragg kbir. Iva tlabtu biex Padre Pio jeqridli c-celloli tal-kancer. U hekk kien ghaliex it-tabib tana l-ahbar li l-kancer spicca ghal kollox.

U minn dak inhar Anthony sar devot kbir ta' dan il-qaddis. Huwa u martu kienu prezenti fis-sena 2002 ghall-kanonizazzjoni ta' Padre Pio. Huwa ghadu jxerred id-devozzjoni lejn dan il-qaddis u waqqaf grupp jismu *The Padre Pio Foundation* biex darba fix-xahar jitolbu ghal dawk il-morda fil-bzonn. U meta jkun mistieden biex jghid xi haga fuq Padre Pio u l-esperjenza tieghu ma' dan il-qaddis, Anthony jistqarr quddiem l-udjenza tieghu," Ahna ghalhekk qeghdin hawn: biex inkunu dixxipli ta' Kristu. Irridu nxandruh ma' kulhadd. Ejjew niftakru li l-mirakli huma doni ta' Alla."



**ANTHONY FUINA WAQT WAHDA MILL-LAQGHAT JIRRAKONTA L-ESPERJENZA TIEGHU**